# SAN GREGORIO MAGNO

*minn Alfred G. Miceli*

Dun Karm Scerri, li miet fil-5 ta' Marzu 1981 fl-eta` ta' 76 sena, nafuh l-aktar bħala l-organista ċelebri, u dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-mużika, żgur li tpaxxew bid-daqq ta' l-orgni tiegħu.DunKarm, flimkien ma' ħuh il-Professur Emmanuele Scerri, ħadu l-ewwel tagħlim mużikali tagħhom minn għand missierhom, is-surmast Vittorio Scerri, li għex bejn l-1858 u l-1942. Il-vina mużikali f'din il-familja tkompliet mis-surmast Joseph Fenech li huwa t-tifel tat-tifla ta' Emanuele Scerri. Il-familja Scerri kienet stmata u magħrufa ħafna fin-Naxxar, fejn twieldu, għexu u mietu.

Dun Karm Scerri bħal missieru u ħuh ikkompona għadd ġmielu ta' mużika, l-aktar mużika sagra. Fost din il-mużika nsibu li fis-sena 1964, sewwa sew tletin sena ilu, mill-pinna ta' Dun Karm Scerri ħareġ l-oratorio 'SAN GREGORIO MAGNO', komposizzjoni għal sitt solisti, kor, orgni u orkestra. Il-librett tiegħu huwa ta' Chevalier Albert M. Cassola.

Dan l-oratorio huwa mqassam fi tnax il-parti:

I Preludju minn orgni u orkestra.

II F'Ruma, fejn Gregorio kien għadu ma laħaqx Papa, jwissi lill-poplu biex jagħmel penitenza u jitlob bil-qalb lil Alla biex jeħlishom mill-epidemija qawwija tal-pesta li kienet qiegħda taħsad ħafna ħajjiet ta' rġiel, nisa u tfal.

III Waqt purċissjoni penitenzjali jidher Anġlu b'xabla f'idu u Gregorio jgħid lin-nies li dak ifisser li Alla l-Imbierek laqa' t-talba tagħhom. Fost id-daqq tal-qniepen, l-anġli jkantaw l-Alleluia, filwaqt li Gregorio u l-miġemgħa kollha jinżlu għarkubbtejhom jiżżu ħajr lil Alla u jfaħħru lill-Madonna li daħlet għalihom, bħala l-Omm Ħanina, quddiem binha Ġesu'. Gregorio jiġi kkonsagrat Papa.

IV Leħen ta' raġel, wara l-ordinazzjoni ta' Gregorio Papa, jinstema' jfaħħar il-ħajja qaddisa ta' Gregorio u jagħtina tagħrif dwar twelidu u ħajtu.

V Waqt laqgħa tal-Kardinali, isqfijiet u l-Kleru, il-Papa Gregorio, l-ewwel iċanfar lil ċerti membri tal-ġerarkija li aktar kienu moħħhom biex jiddandnu milli jieħdu ħsieb l-erwieħ ta' Kristu. Il-Papa Gregorio jfisser li kulħadd huwa xorta waħda,kulħadd huwa aħwa u d-dmir tagħhom huwa li jwittu t-triq ta' Kristu u jgħinu lill-proxxmu tagħhom għas-salvazzjoni



Il-baxx Joseph Vella Bondin li nterpreta l-karattru ta' San Girgor waqt is-serata ta' l-Oratorju SAN GREGORIO MAGNO li saret fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan fl-1978. Miegħu jidhru l-kor ta' San Ġiljan, l-orkestra u d-direttur Dun Ġwann Galea.

VI L-ilsiera tal-Gran Brittanja li jkunu f'Ruma jibdew jibku xortihom u jitolbu lill-allat tagħhom biex jeħilsuhom minn dik it-tbatija. Il-Papa Gregorio jħoss qalbu tingħafas għal dawn l-imsejkna u jgħid li għalkemm huma pagani, xorta wlied Alla. Jibgħat għal Wistin u jgħidlu biex imur jikkonverti l-poplu Ingliż. Tkun biċċa xogħol iebsa ħafna iżda Gregorio jgħid li bl-għajnuna t'Alla jirnexxilhom żgur.

VII Il-poplu Ruman ikun imwerwer mill-qilla tal-Longobardini li jkunu sejrin jattakkawhom. Gregorio joħroġ bi proċessjoni biex jiltaqa' mal-Longobardini. Il-Kardinali u l-Kleru li jkunu msakkrin beżgħana fil-Palazz tal-Vatikan, jibqgħu mistagħġba meta jaraw lill-Papa Gregorio tiela' t-taraġ ta' San Pietru mar-Re tal-għedewwa tagħhom, jitħaddtu bħal żewġ ħbieb kbar.

VIII Il-Papa Gregorio jagħmel ikla lill-fqar u fost in-nies jilmaħ Anġlu b'turija minn Alla li qatt ma kien se jonqos il-ħobż.

IX Il-Papa Gregorio jkun marid ħafna, iżda b'danakollu jibqa' jitħabat biex jgħin lill-foqra u jibgħat aktar missjunarji f'pajjiżi oħra. Qalb Gregorio tixgħel bil-ferħ meta mingħand Wistin tasal l-aħbar li l-Ingilterra kkonvertiet u bdiet tħaddan ir-Reliġjon Kattolika.

X Gregorio jagħmel riformi kbar fil-liturġija u l-kant sagru. Jitwaqqaf il-kant li llum il-ġurnata nafuh bħala l-Kant Gregorjan.

XI Għalkemm Gregorio jħoss il-mewt riesqa fuqu, jibqa' jitħabat biex jirranġa l-monasteri, il-missjonijiet f'artijiet imbiegħda u l-ġlieda qawwija kontra t-taqlib tad-dinja. Gregorio b'umilta` kbira jitlob lil Alla biex ikollu ħniena minnu u jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem wara mewtu.

XII Papa Gregorio jmut fil-monasteru tal-Benedettini. Il-poplu jilqa' l-aħbar b'sogħba kbira, għax fil-Papa Gregorio kienu jsibu benefattur ħanin u twajjeb. Il-kleru flimkien mal-poplu kollu jagħmlu luttu kbir u jitolbu lil Alla biex jippremja lil Gregorio li mis-sema żgur li jibqa' jgħinhom permezz tat-tagħlim sabiħ li tahom dwar Alla l-Imbierek f'ħajtu.

Dan l-oratorio sar l-aħħar fl-1978 meta fit-12 ta' Jannar ġie ppreżentat fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan u fit-2 ta' Marzu fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Dan ġie mtella' mill-kor ta' San Ġiljan taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġwann Galea u fih ħadu sehem is-solisti Joe Vella Bondin, baxx, li kanta fil-parti ta' Gregorio, il-baritonu Paul Cassar, it-tenur Charles Delicata, il-mezzo soprano Marie Therese Vassallo u s-soprano Marthese Debono.

Għaddew sittax-il sena u l-oratorio SAN GREGORIO MAGNO ta' Dun Karm Scerri baqa' qatt ma sar aktar. Tkun ħaġa xierqa li kieku bi sforz ġenwin il-parroċċa ta' San Girgor, il-kleru, kunsill parrokkjali, kumitat tal-festa u tal-każin jitfgħu għajnejhom fuq dan ix-xogħol sabiħ ta' Malti ad unur Gregorio l-Kbir. Dan ix-xogħol jogħġob żgur lis-Sliemiżi kollha speċjalment dawk Gregorjani.

*(Ir-ritratt u xi materjal li ntuża f'dan l-artiklu huwa misluf lili mis-Sur Joseph Vella Bondin u ta' dan nirringrazzjah.)*

SI BUON
PASTIZZERIA
DOLCERIA

Prop. CARMEL ELLUL

CATERS FOR
ALL OCCASIONS
SPECIALIZE IN
CAKE MODELS

**100, VALLEY ROAD
MSIDA
TEL: 337472 - 484474**

**FLOWERS**

**for all occasions**
***by STEPHEN MICELI***
**also**
**WEDDING SOUVENIRS**

**125, Valley Road
Birkirkara BKR 10
Tel: 494509**